L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

# APPENDIĊI 1 GĦALL-OPINJONI 04/2012 – 'Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju għal RMT.0440 (OPS.055) – (Limitazzjonijiet fuq il-Ħin ta' Tajran)'

# Werrej


1 Proċess u konsultazzjoni ..... 3

2 Analiżi tal-kwistjoni u valutazzjoni tar-riskju ..... 3
2.1 Il-qafas legali attwali: Subparti Q ..... 3
2.2 Il-partijiet interessati affettwati ..... 4
2.3 Analiżi tas-sikurezza minn aċċidenti u inċidenti serji skont is-Subparti Q ..... 5
2.4 Identifikazzjoni tal-problemi fl-effettività tas-Subparti Q dwar il-mitigazzjoni tar-riskju ta' għeja ..... 6
2.4.1 Metodoloġija ..... 6
2.4.2 Nuqqas ta' ċarezza dwar il-limiti fuq il-perjodu ta' xogħol ta' tajran ..... 7
2.4.3 Protezzjoni kontra l-għeja kumulattiva b'limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-tajran u x-xogħol ..... 7
2.4.4 Protezzjoni kontra l-għeja kumulattiva b'perjodi ta' mistrieħ rikorrenti ..... 7
2.4.5 Protezzjoni kontra l-għeja tal-ekwipaġġ f'tajraniet billejl b'estensjoni ..... 8
2.4.6 Miżuri ta' mitigazzjoni kontra l-effetti tal-għeja ta' skedi xekkiela ..... 8
2.4.7 Nuqqas ta' livell uniformi ta' sikurezza minħabba dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 ..... 8
2.4.8 Taħriġ għall-ġestjoni tal-għeja ..... 8
2.4.9 Konklużjoni dwar il-problemi identifikati ..... 9

3 Għanijiet ..... 9

4 Identifikazzjoni tal-alternattivi: ir-regola proposta ..... 9

5 Il-metodoloġija applikata ..... 11

6 Analiżi tal-impatti ..... 12
6.1 L-impatt fuq is-sikurezza ..... 12
6.1.1 Nuqqas ta' ċarezza fil-limiti fuq il-perjodi tax-xogħol ta' tajran ..... 12
6.1.2 Protezzjoni kontra l-għeja kumulattiva b'limitazzjonijiet fuq il-ħin u x-xogħol tat-tajran ..... 12
6.1.3 Protezzjoni kontra l-għeja kumulattiva permezz ta' perjodi ta' mistrieħ rikorrenti ..... 13
6.1.4 Protezzjoni kontra l-għeja tal-ekwipaġġ f'titjiriet billejl ..... 13
6.1.5 Miżuri ta' mitigazzjoni kontra l-effetti tal-għeja ta' skedi xekkiela ..... 13
6.1.6 Nuqqas ta' livell uniformi ta' sikurezza minħabba dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 ..... 14
6.1.7 Taħriġ għall-ġestjoni tal-għeja ..... 17
6.1.8 Sommarju tal-impatt fuq is-sikurezza ..... 17
6.2 L-impatt soċjali ..... 19
6.3 L-impatt ekonomiku ..... 20
6.3.1 L-iskemi tal-FTL u l-ispejjeż tal-ekwipaġġ ..... 20
6.3.2 Limitu fuq ix-xogħol kumulattiv fi żmien 14-il jum ..... 20
6.3.3 Estensjonijiet tax-xogħol mhux permessi tul lejl ..... 22
6.3.4 Estensjoni tax-xogħol minħabba mistrieħ matul it-tajran ..... 23
6.3.5 Dmir maqsum ..... 24
6.3.6 Stennija għas-sejħa tax-xogħol l-ajruport ..... 24
6.3.7 Stennija oħra ..... 24
6.3.8 Taħriġ għall-ġestjoni tal-għeja ..... 25
6.3.9 Sommarju tal-impatt ekonomiku ..... 25
6.4 Impatt fuq il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni regolatorja ..... 26

7 Konklużjonijiet ..... 27

8 Monitoraġġ, evalwazzjoni u riċerka ulterjuri ..... 27

9 Annessi ..... 28
9.1 Biblijografija ..... 28

# 1 Proċess u konsultazzjoni

L-għan ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju (RIA) huwa li jiġi stabbilit li ntlaħqu l-għanijiet ta' attività ta' tfassil tar-regoli filwaqt li jiġu mminimizzati l-impatti negattivi potenzjali. Billi tipprovdi analiżi trasparenti u bbażata fuq il-provi tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-regola proposta fl-isfond tal-għanijiet iddefiniti, għandha t-tir li tipprovdi lil dawk li jfasslu r-regoli u lill-partijiet interessati b'qafas ta' referenza għal diskussjoni u deċiżjonijiet informati msawra fuq il-provi.

Din l-RIA tiġbor fil-qosor l-analiżi mwettqa sal-lum fuq il-Limitazzjoni fuq il-Ħin tat-Tajran u tiffoka fuq l-impatti mistennija minn din l-Opinjoni. B'hekk, l-RIA tħares lejn l-impatti tal-proposta bħala pakkett minflok miżura individwali. Għall-qarrejja interessati fil-valutazzjoni ta' miżuri individwali u l-firxa usa' oriġinali ta' għażliet, jekk jogħġobkom irreferu għall-RIA għall-NPA 2010-14[1].

# 2 Analiżi tal-kwistjoni u valutazzjoni tar-riskju

## *2.1 Il-qafas legali attwali: Subparti Q*

Il-qafas legali attwali għall-FTL huwa stabbilit fis-Subparti Q[2] tal-EU-OPS. Regoli armonizzati jiżguraw livell minimu ta' sikurezza billi jistabbilixxu sett ta' rekwiżiti minimi legalment vinkolanti. Stat Membru wieħed biss qiegħed japplika reġim differenti tal-FTL[3]. Madankollu, skont is-Subparti Q hemm bosta każijiet fejn regoli differenti japplikaw fi Stati Membri differenti għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-Premessa 7 tal-istess regolament fiha klawżola msejħa ta' mingħajr regressjoni li tawtorizza lill-Istati Membri jżommu leġiżlazzjoni li fiha dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk fir-Regolament (KE) 1899/2006 u jkomplu jew jikkonkludu ftehimiet tax-xogħol kollettivi li jipprovdu għal kundizzjonijiet aħjar fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-tajran u tax-xogħol bħas-Subparti Q.
- Il-Premessa 11 tar-Regolament (KE) 1899/2006 tippermetti lill-Istati Membri japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-FTL sakemm ikunu inqas mil-limiti massimi u ogħla mil-limiti minimi stabbiliti fis-Subparti Q.
- Ċerti elementi tal-FTL mhumiex koperti mis-Subparti Q, l-iktar id-dispożizzjonijiet għall-estensjoni ta' Perjodu tax-Xogħol ta' Tajran (FDP) minħabba dmir maqsum, dispożizzjonijiet għall-estensjoni ta' FDP minħabba mistrieħ matul it-tajran, rekwiżiti dwar il-mistrieħ biex jikkumpensaw għall-effetti fuq il-membri tal-ekwipaġġ ta' differenzi fiż-żoni tal-ħin, arranġamenti mnaqqsa tal-mistrieħ u dispożizzjonijiet dwar l-istennija għas-sejħa tax-xogħol. Għal dawk, l-Artikolu 8 (4) tar-Regolament (KE) 1899/2006 jippermetti lill-Istati Membri japplikaw jew iżommu dispożizzjonijiet sakemm jiġu stabbiliti r-regoli tal-Komunità.

---

[1] Ara http://www.easa.europa.eu/rulemaking/docs/npa/2010/NPA%202010-14.pdf

[2] Subparti Q – Il-limitazzjonijiet tat-tajrana u tal-ħin tas-servizz u l-kriterji tas-serħan tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008 tal-20 ta' Awwissu li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar il-ħtiġijiet tekniċi komuni u l-proċeduri amministrattivi li japplikaw għat-trasport kummerċjali bl-ajruplan.

[3] Ir-Renju Unit qiegħed japplika CAP 371, gwida għar-rekwiżiti biex tiġi evitata l-għeja fl-ekwipaġġi tat-tajrana.

TE.RPRO.00055-001 © L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhumiex ikkontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA

## 2.2 Il-partijiet interessati affettwati

Ġew identifikati l-effetti fuq il-partijiet interessati li ġejjin:

- Il-pubbliku li jivvjaġġa, minħabba l-impatt pożittiv fuq is-sikurezza.
- Il-membri tal-ekwipaġġ, minħabba l-impatt pożittiv fuq is-sikurezza u l-impatti soċjali potenzjali.
- Il-Kummissjoni Ewropea, minħabba l-impatt potenzjali tal-proċessi amministrattivi li jirriżultaw minn talbiet ta' derogi skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) 216/2008.
- L-Aġenzija, minħabba l-impatt potenzjali tal-proċessi amministrattivi li jirriżultaw minn talbiet ta' derogi skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) 216/2008 u talbiet ta' derogi skont l-Artikolu 14(6).

Sabiex jiġi stmat il-kobor tal-impatti ġġenerati mill-bidliet potenzjali fl-iskemi tal-Limitazzjonijiet fuq il-Ħin tat-Tajran, huwa kruċjali li jiġu identifikati t-tipi differenti ta' operaturi fuq il-bażi tal-mudell kummerċjali tagħhom.

Għall-fini ta' din l-RIA, l-Aġenzija identifikat il-kategoriji ta' operaturi li ġejjin, peress li kienet taf li dawn huma mudelli biss u li fil-prattika l-ebda Operatur partikolari ma jista' jaqa' eżatt f'waħda minn dawn il-kategoriji jew inkella jista' jkun jappartjeni għal iktar minn kategorija waħda.

- Trasportatur Legacy (LEG):
  - Distanzi twal u distanzi qosra
  - Operazzjonijiet fl-ajruport prinċipali (*hub*)
  - Skedati
- Trasportatur bi Prezzijiet Baxxi (LCC):
  - Distanzi qosra
  - Skedati
  - Tajraniet binhar
  - Minn punt sa punt
- Charter (CHR)
  - Distanzi twal u distanzi qosra
  - Sits ekonomija biss
  - Mhux skedati
  - Minn punt sa punt
- Operaturi reġjonali (REG)
  - Distanzi qosra
  - Operazzjonijiet fl-ajruport prinċipali
  - Tajraniet binhar
  - Skedati
- Merkanzija Biss (CAR)
  - Taħlita ta' distanzi twal u distanzi qosra

- Operazzjonijiet fl-ajruport prinċipali
- Skedati
- Sehem notevoli ta' titjiriet billejl

## *2.3 Analiżi tas-sikurezza minn aċċidenti u inċidenti serji skont is-Subparti Q*

L-aċċidenti u l-inċidenti serji huma inidkaturi importanti. Għaldaqstant, huwa importanti li bħala l-ewwel pass tiġi analizzata din id-dejta peress li tista' tagħti wkoll indikazzjoni tal-benefiċċji potenzjali tal-bidliet fir-regoli. Bidla f'regola tista' ttejjeb il-mitigazzjoni tar-riskju ta' għeja u b'hekk tnaqqas in-numru ta' aċċidenti u inċidenti serji fil-ġejjieni billi tnaqqas kemm jista' jkun fatturi li jikkaġunawhom bħal prestazzjoni mnaqqsa u żbalji tal-bniedem.

Meta tinġabar id-dejta, huwa fundamentali li tinġabar biss dejta dwar dawk l-aċċidenti u l-inċidenti li r-regola proposta seta' possibbilment ikollha impatt fuqhom. Għaldaqstant, id-Dipartiment ta' Analiżi tas-Sikurezza tal-Aġenzija ħareġ mir-Repożitorju Ċentrali Ewropew reġistrazzjonijiet li jaqgħu fil-kriterji li ġejjin:

- Inġenji tal-ajru bi ġwienaħ fissi rreġistrati f'pajjiżi tal-EASA;
- Trasport Kummerċjali bl-Ajru;
- Perjodu 2000–2010;
- Deskrizzjoni li ssemmi l-'għeja tal-ekwipaġġ'.

Il-perjodu ta' 10 snin intgħażel sabiex ikopri aċċidenti u inċidenti f'regolamenti nazzjonali riċenti dwar l-FTL, li sa ċertu punt huma bbażati fuqhom l-EU-OPS, għaldaqstant, f'kuntest paragunabbli għal dak fis-Subparti Q attwali tal-EU-OPS. Is-Subparti Q ma daħlitx fis-seħħ qabel l-2008.

L-aċċidenti u l-inċidenti li seħħew barra l-qafas legali tal-UE ma tqisux għal din l-analiżi peress li r-regoli dwar l-FTL ivarjaw wisq u f'parti minnhom kienu għaddejjin minn reviżjoni. Sabiex jiġu vvalutati l-benefiċċji potenzjali għas-sikurezza ta' regola, huwa kruċjali li jiġu analizzati biss każijiet li fil-verità jistgħu jiġu influwenzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Meta tiġi vvalutata din id-dejta, wieħed ta' min iżomm f'moħħu li jekk wieħed jiffoka fuq id-deskrizzjoni li b'mod speċifiku ssemmi 'l-għeja tal-ekwipaġġ', jistgħu jintesew inċidenti 'relatati mal-għeja'. Possibilità oħra kienet tkun li jintuża t-terminu 'fattur uman' peress li wara l-fattur uman l-għeja tista' tkun element li kkontribwixxa, iżda mbagħad seta' jkun hemm ir-riskju ta' stima esaġerata tan-numru ta' inċidenti marbutin mal-għeja. Barra minn hekk, ħafna operaturi joperaw skont il-ftehimiet tax-xogħol kollettivi tagħhom mal-ekwipaġġ tal-ajru, li fihom miżuri ta' mitigazzjoni oħrajn minbarra r-rekwiżiti legali tas-Subparti Q (jew regolamenti nazzjonali), li jistgħu jispjegaw in-numru relattivament baxx ta' avvenimenti identifikati (ara iktar 'l isfel). Finalment, l-għeja hija kwistjoni li tradizzjonalment mhijiex irrapportata kemm suppost mill-ekwipaġġi tal-ajru, peress li (awto) valutazzjoni tal-għeja hija eżerċizzju ġeneralment diffiċli.

Billi applikat dan l-approċċ kemxejn konservattiv, l-Aġenzija sabet żewġ aċċidenti u tmien inċidenti serji li involvew tlett imwiet. Madankollu, fiż-żewġ aċċidenti l-ekwipaġġ opera barra l-limiti legali. F'każ minnhom, l-FDP inqabeż bi kważi 3 sigħat u f'każ ieħor l-ekwipaġġ ma rrispettax il-perjodu minimu ta' mistrieħ. Għaldaqstant, dawn l-aċċidenti indikaw li s-sorveljanza hija kwistjoni importanti meta wieħed iħares lejn l-għeja tal-ekwipaġġ minflok ir-regoli nfushom.

Ir-rapport ta' Investigazzjoni tal-Aċċidenti fuq inċident serju minnhom jindika li arranġament ta' sits ekonomija jista' jkun faċilità inadegwata għall-mistrieħ matul it-tajran. Dan ittieħed f'kunsiderazzjoni għall-iżvilupp tar-regola proposta.

TE.RPRO.00055-001 © L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhumiex ikkontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA

B'mod globali, din id-dejta fiha għadd ta' fatti dwar l-għeja li ta' minn jinnotahom, iżda

- statistikament, id-dejta mhijiex biżżejjed biex tnaqqas benefiċċji potenzjali diretti tal-bidliet tar-regoli;
- statistikament, id-dejta mhijiex biżżejjed biex tidentifika riskji attwali u tal-ġejjieni għas-sikurezza, b'mod partikolari peress li hemm iktar riskji ta' għeja li jistgħu jinbdew wara inċidenti relatati mal-fattur uman jew peress li mhumiex riflessi affattu f'din id-dejta.

Min-naħa l-oħra, l-analiżi wriet li ċerti elementi jridu jiġu vvalutati bir-reqqa:

- Hemm limitazzjonijiet fuq is-sistema attwali ta' rapportar. Pereżempju, ma hemm l-ebda kodiċi fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew għal 'għeja tal-ekwipaġġ', u b'hekk, it-terminu kellu jiġi bbażat fuq id-deskrizzjoni.
- Aċċidenti u inċidenti marbutin mal-'fattur uman' jista' jkollhom l-għeja bħala fattur li kkontribwixxa. Madankollu, ma kien hemm ebda prova dwar il-grad ta' kemm kien qed iseħħ.
- Is-sempliċi nuqqas ta' rapporti ta' aċċidenti u inċidenti relatati, anki jekk impreċiżi, ma jeskludix il-possibilità ta' problemi eżistenti fis-sikurezza.

Konsegwentement, l-Aġenzija ddeċidiet li ssegwi approċċ proattiv u ta' tbassir billi bbażat l-iżvilupp tar-regoli dwar l-FTL tal-EASA fuq proċess ta' identifikazzjoni tal-perikli u ġestjoni tar-riskji għas-sikurezza, li jieħu f'kunsiderazzjoni l-argumenti ta' hawn fuq u jmur lil hinn mill-analiżi tad-dejta tal-imgħoddi. It-taqsima li ġejja tiddeskrivi l-approċċ u d-diskrepanzi identifikati fil-qafas regolatorju attwali ('Subparti Q').

## *2.4 Identifikazzjoni tal-problemi fl-effettività tas-Subparti Q dwar il-mitigazzjoni tar-riskju ta' għeja*

### *2.4.1 Metodoloġija*

L-iskop tal-kompitu ta' tfassil tar-regoli kien li jirrevedi l-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-tajran u xogħol u r-rekwiżiti dwar il-mistrieħ speċifikati fis-Subparti Q, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-istudji/evalwazzjonijiet xjentifiċi u/jew mediċi disponibbli għall-pubbliku u l-esperjenza operazzjonali.

Fit-taqsima ta' qabel, ġie stabbilit li l-aċċidenti u l-inċidenti rrapportati ma jipprovdux biżżejjed bażi biex issir valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sikurezza tar-regoli Ewropej attwali dwar l-FTL ('Subparti Q'). Biex tiġi żgurata reviżjoni komprensiva u tiġi identifikata kwalunkwe mitigazzjoni inadegwata tal-periklu ta' għeja fis-Subparti Q, il-grupp ta' tfassil tar-regoli qabel dwar il-metodoloġija li ġejja:

1. Identifikazzjoni tal-perikli kollha possibbli marbutin mal-għeja tal-membri tal-ekwipaġġ.
2. Identifikazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni ġeneriċi marbutin ma' dawn il-perikli.
3. Identifikazzjoni ta' jekk dawn il-miżuri ta' mitigazzjoni humiex koperti minn rekwiżit speċifiku tas-Subparti Q, u jekk iva, kif.
4. Identifikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi oħrajn possibbli minbarra dawk mis-Subparti Q, diment li jkunu appoġġjati minn provi xjentifiċi u jieħdu f'kunsiderazzjoni l-esperjenza operazzjonali.
5. Imbagħad, ir-rekwiżiti tas-Subparti Q u l-miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi identifikati fil-punt 4 jsawru l-bażi tal-proposta tal-Aġenzija (ara l-kapitolu 4).

It-taqsimiet li ġejjin jiġbru fil-qosor il-kwistjonijiet ewlenin identifikati fil-proċess ta' hawn fuq (stadju 1 sa 4). It-tabella sħiħa tal-perikli u l-miżuri ta' mitigazzjoni hija disponibbli fit-

TE.RPRO.00055-001 © L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Id-drittijiet kollha riżervati.
Dokument proprjetarju. Il-kopji mhumiex ikkontrollati. Ikkonferma l-istatus tar-reviżjoni permezz tal-Internet/Intranet tal-EASA